

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2010/58/UE

tat-23 ta' Awwissu 2010

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE fir-rigward tal-estensjoni tal-użu tas-sustanza attiva iprodione

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

ħejjiet bosta addendi għar-rapport ta' analiżi fl-oqsma kkonċernati tal-analiżi tar-riskju u li l-konklużjonijiet tiegħu jikkonfermaw li kien aċċettat li jkun hemm din l-estensjoni tal-użu.

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

(5) Għalhekk huwa ġustifikat li jkun modifikati d-dispożizzjonijiet speċifiċi għall-iprodione.

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari t-tieni inċiż tat-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 6(1) tagħha,

(6) Għaldaqstant huwa xieraq li d-Direttiva 91/414/KEE tiġi emendata skont dan.

Billi:

(7) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Animali,

(1) L-iprodione kienet inkluża bħala sustanza attiva fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE bis-saħħa tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/31/KE<sup>(2)</sup>.

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

(2) Meta applika għall-inklużjoni tal-iprodione, in-notifikatur uniku tagħha Bayer ressaq dejta dwar l-użi bħala fungicida, liema dejta sostniet il-konklużjoni ġenerali li wieħed jistenna li prodotti li jipproteġu l-pjanti li fihom l-iprodione għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' sikurezza stabbiliti fl-Artikolu 5(1)(a) u (b) tad-Direttiva 91/414/KEE.

### Artikolu 1

L-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE huwa emendat kif stipulat fl-Anness ma' din id-Direttiva.

(3) Barra għal dak l-użu, DEVGEN, notifikatur ieħor, applika għal emenda li tippermetti li l-iprodione jintuża bħala nematiċida. Sabiex tkun sostnuta din l-estensjoni tal-użu, in-notifikatur DEVGEN ressaq informazzjoni addizzjonali.

### Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw sa mhux iktar tard mill-24 ta' Diċembru 2010, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet, kif ukoll tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

(4) Franza evalwat l-informazzjoni mressqa u fit-12 ta' Jannar 2010 infurmat lill-Kummissjoni li waslet għall-konklużjoni li l-estensjoni tal-użu mitluba ma tikkawżax riskji oħrajn barra dawk li diġà kienu kkunsidrati fid-dispożizzjonijiet speċifiċi għall-iprodione fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE u fir-rapport ta' reviżjoni tal-Kummissjoni dwar is-sustanza. B'mod partikolari, Franza

Għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-25 ta' Diċembru 2010.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbi- lixxu kif għandha ssir din ir-referenza.

<sup>(1)</sup> ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 101, 23.4.2003, p. 3.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak li fih tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Awwissu 2010.

Għall-Kummissjoni  
Il-President  
José Manuel BARROSO

---

ANNEX

Fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE, ir-ringiela 50 hi sostitwita b'dan li ġej:

Nru	L-isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem skont l-IUPAC	Purità <sup>(1)</sup>	Dħul fis-seħħ	Skadenza għall-inklużjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
"50	Iprodione Nru tal-CAS 36734-19-7 Nru CIPAC 278	3-(3,5-diklorofenil)-Nisopropil-2,4-diossi-immidażolidina-1-karbossimid	960 g/kg	fl-1 ta' Jannar 2004.	fil-31 ta' Diċembru 2013.	<p>Jista' jiġi awtorizzat biss l-użu bħala fungicida u nematocida.</p> <p>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-iprodione, u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-3 ta' Diċembru 2002. F'din l-analiżi ġenerali, l-Istati Membri:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— għandhom joqogħdu partikolarment attenti għall-potenzjal ta' kontaminazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'rati għolja ta' użu (partikolarment fil-ħaxix, jew turf) fuq il-ħamrija aċiduża (bil-pH taħt is-6) f'kundizzjonijiet klimatiki vulnerabbli,</li> <li>— Iridu jqisu sewwa r-riskju li jinħoloq għall-invertebrati akkwatiċi jekk is-sustanza attiva tiġi aplikata direttament viċin l-ilmijiet tal-wiċċ. Fejn hu l-każ, għandhom ikunu applikati miżuri ta' tnaqqis tar-riskju."</li> </ul>

(<sup>1</sup>) Aktar dettalji dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva jinsabu fir-rapport ta' reviżjoni.